



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9131/19

DEVGEN 100
SUSTDEV 82
ACP 54
COHAFA 43
RELEX 471
FIN 345
WTO 133
ONU 55
OCDE 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Mejju 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8313/19
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2017 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Mejju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2017, kif adottati mill-Kunsill fit-3690 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Mejju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Annwali tal-2018 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2017

1. Il-Kunsill jilqa' r-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2017¹. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar sforzi mill-Kummissjoni biex ittejjeb ir-riflessjoni kritika tar-riżultati kif ukoll il-kwalità, il-puntwalità u l-leġġibbiltà tar-rapport. Il-Kunsill jenfasizza li r-Rapport Annwali huwa kontribut ewlieni biex jinforma liċ-ċittadini u l-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-azzjoni esterna tal-UE.
2. Il-Kunsill jappella għal "Viżjoni Kondiviża", "Azzjoni Komuni" u "ħidma aħjar flimkien" imsaħħa kif irrakkomandat fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, inkluż permezz ta' progress lejn Unjoni aktar kredibbli, responsiva u magħquda.
3. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jiġi eżerċitat multilateraliżmu effettiv u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli kif ukoll l-inizjattivi globali rilevanti bħall-Alleanza Globali kontra t-Tibdil fil-Klima+, is-Sħubija Globali għall-Edukazzjoni u l-Fond Globali għall-ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkulożi u l-Malarja. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa assoluta li jkomplu jissaħħu l-isforzi konġunti tal-UE u l-Istati Membri tagħha, billi jaħdmu flimkien ma' sħab ewlenin, biex jindirizzaw l-isfidi globali u jużaw l-opportunitajiet biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar fil-forom u d-dimensjonijiet kollha tiegħu.
4. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid ukoll l-appoġġ inkondizzjonat tiegħu għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat tad-dritt madwar id-dinja u jfaħħar l-isforzi li qed isiru biex dawn ikomplu jiġu promossi u msaħħa permezz tal-azzjoni esterna tal-UE, inkluż billi tingħata s-setgħa lill-atturi lokali u lis-soċjetà ċivili.

¹ 5988/19 + ADD 1 + ADD 2

5. Il-Kunsill jissottolinja l-progress li sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs). F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' aktar ħidma biex il-koerenza tal-politika tiġi integrata fl-isforzi ġenerali tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar. Huwa jtenni l-impenn tal-UE li ma jitħalla ħadd lura u li l-ewwel tilħaq lil dawk li l-aktar baqgħu lura.
6. B'mod partikolari, il-Kunsill ifaħħar l-implimentazzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat riveduta, inkluż l-appoġġ għal riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali, trasformazzjoni u stabilizzazzjoni demokratiċi bbażati fuq approċċ differenzjat u sjieda akbar. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li tiġi appoġġata l-istabbiltà fil-viċinat tal-UE, kemm fin-Nofsinhar kif ukoll fil-Lvant.
7. Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Politika tat-Tkabbir tal-UE, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħa l-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċessi ta' riforma relatati mal-istat tad-dritt u l-enfasi fuq l-approċċ biex "l-ewwel jiġu indirizzati punti fundamentali".
8. Il-Kunsill jilqa' l-impetu mġedded injettat mill-ħames Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE li sar f'Novembru 2017 u jinnota b'mod pożittiv il-passi meħuda biex tissaħħa is-sħubija strateġika mal-Afrika. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-isfidi partikolari li qed jiffaċċaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-Afrika, u f'dan ir-rigward, jissottolinja l-importanza li tiġi mmirata għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) għall-kontinent, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-prijoritajiet individwali tal-Istati Membri fl-għajjnuna għall-iżvilupp.
9. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u jtenni l-impenn tal-UE biex tippromwovi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet. Il-Kunsill jinnota b'sodisfazzjon li l-proporzjon ta' inizjattivi ta' kooperazzjoni u żvilupp iffinanzjati mill-UE li jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti) żdied għal 65 % u jappella għal aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira tal-GAP ta' 85 %. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-Inizjattiva Spotlight iffinanzjata mill-UE, li għandha l-għan li telimina kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u jappella li jkun hemm involviment konsistenti tal-Istati Membri tal-UE fil-monitoraġġ tagħha.

10. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-Linji Gwida riveduti tal-UE dwar il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u jinkoraġġixxi aktar sforzi biex tissaħħaħ l-inklużjoni sinifikanti tat-tfal u ż-żgħażaġh fl-azzjoni esterna tal-UE.
11. Il-Kunsill jibqa' imħasseb ħafna dwar l-ispazju dejjem jiċkien għas-soċjetà ċivili f'għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi. Huwa jafferma mill-ġdid li l-appoġġ tal-UE għas-soċjetà ċivili għandu jidher b'mod aktar prominenti fis-sħubiji kollha u jinkoraġġixxi l-isforzi biex jiġi żgurat li jiġi integrat impenn aktar strateġiku mas-soċjetà ċivili fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni.
12. Il-Kunsill jenfasizza li d-degradazzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima, it-temp estrem u d-diżastri naturali jistgħu jipattu għall-kisbiet mill-żvilupp u l-progress ekonomiku speċjalment f'pajjiżi foqra. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-UE biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, u jappella għal aktar sforzi biex jissaħħu u jiżdiedu l-kobenefiċċji tal-klima u l-isforzi dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament fl-azzjonijiet esterni tal-UE.
13. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Investiment Estern (PIE) immirat biex jinkoraġġixxi lill-investituri privati jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi f'pajjiżi sħab fl-Afrika u l-Viċinat Ewropew. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-isforzi li saru fil-qasam tad-Diġitalizzazzjoni għall-Iżvilupp (D4D) u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tkompli tħaddem l-approċċ D4D. Il-Kunsill jirrikonoxxi li konnettività aħjar tista' wkoll tkun ta' appoġġ għall-pajjiżi biex jiksbu żvilupp sostenibbli.
14. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-UE biex tipprovdi assistenza bbażata fuq il-ħtiġijiet u li ssalva l-ħajjiet lil nies milquta minn kriżijiet umanitarji, inkluż kriżijiet fit-tul, madwar id-dinja, filwaqt li jiġi żgurat li ma jintesewx persuni fi kriżijiet inqas viżibbli. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar l-espansjoni globali kontinwa tal-ħtiġijiet umanitarji, inkluż fil-viċinat tal-Ewropa. Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex isir investiment fil-prevenzjoni tal-ġuħ u biex jiġu indirizzati b'mod effettiv kriżijiet alimentari akuti bħal dawk esperjenzati fl-2017 fil-Jemen, fil-grigal tan-Niġerja, fis-Somalja u fis-Sudan t'Isfel. Il-Kunsill jinkoraġġixxi aktar sforzi biex issir operazzjonali r-Rabta bejn l-Għajnuna Umanitarja, l-Iżvilupp u l-Paċi u jenfasizza l-importanza ta' ħidma f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-OECD-DAC dwar ir-Rabta bejn l-Għajnuna Umanitarja, l-Iżvilupp u l-Paċi sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' kriżi.

15. L-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenji individwali u kollettivi kollha tagħhom tal-ODA.² Il-Kunsill ifakkar li l-ODA tibqa' sors ewlieni ta' finanzjament għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs) u l-istati fraġli, li b'mod partikolari għandhom nuqqas ta' kapaċità domestika biex jiġbru finanzjament minn sorsi oħra. Il-Kunsill ifakkar ukoll li, f'konformità mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, filwaqt li jirrispetta b'mod sħiħ il-prijoritajiet tal-Istati Membri individwali, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri tagħha ser tkun immirata fejn tinħtieġ l-aktar u fejn jista' jkollha l-aktar impatt, speċjalment fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti (LDCs) u f'sitwazzjonijiet ta' fraġilità u kunflitt.
16. Barra minn hekk, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tagħti attenzjoni lill-isfidi speċifiċi ta' pajjiżi li qed jirriżultaw minn status ta' dħul baxx, biex timpenja ruħha f'kooperazzjoni għall-iżvilupp, dialogu ta' politika u sħubiji ma' Pajjiżi bi Dħul Medju (MICs) dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-inugwaljanzi fid-dħul, il-kriżijiet tar-refuġjati fit-tul u interessi komuni oħra u biex tiżviluppa impenn innovattiv ma' Pajjiżi Aktar Avanzati li qed Jiżviluppaw (MADCs) inkluż fil-kooperazzjoni finanzjarja u lil hinn minnha.
17. L-Approċċ Integrat tal-UE ffaċilita impenn aktar koerenti u olistiku – li jkopri d-diplomazija, is-sigurtà u d-difiża, inkluż il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-oqsma tal-għajnuna umanitarja. Il-Kunsill jilqa' l-progress fir-rigward tat-tisħiħ tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżi u l-istabbilizzazzjoni barra mill-pajjiż u l-isforzi fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp.
18. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti taċ-ċaqliq sfurzat u l-migrazzjoni irregolari. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli ssaħħa l-implimentazzjoni kontinwa tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Afrika (EUTF) u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija.

² 8959/18 - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-Investiment fl-Iżvilupp Sostenibbli" u r-Rapport Annwali tal-2018 għall-Kunsill Ewropew dwar il-Miri tal-UE ta' Għajnuna għall-Iżvilupp

19. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Qafas Rivedut tar-Riżultati tal-UE fl-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali"³, u jilqa' l-allinjament tal-Qafas rivedut tar-Riżultati tal-UE ma' indikaturi għall-SDGs kif ukoll mal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid u l-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja. Jilqa' wkoll it-tisħiħ tal-proċess ta' monitoraġġ f'pajjiżi sħab u r-rappurtar dwar ir-riżultati ta' interventi kontinwi tal-UE. Kopertura aħjar tad-data u informazzjoni f'waqtha huma importanti għat-teħid tad-deċiżjonijiet u r-responsabbiltà reċiproka kif ukoll is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-viżibbiltà. Huwa jappella lill-Kummissjoni biex tkompli ssaħħaħ ir-rappurtar dwar ir-riżultati fir-Rapport Annwali u tinkludi riżultati speċifiċi fejn xieraq. Barra minn hekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex fir-Rapporti Annwali futuri, tkompli tiżviluppa r-rappurtar tagħha dwar l-implimentazzjoni konġunta u l-involvement tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni, maqsuma skont it-tip ta' entità kif imsemmi fir-Regolament Finanzjarju.
20. Il-Kunsill jappoġġa lill-UE fl-isforzi tagħha biex tikkomunika dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, pereżempju permezz tan-Netwerk ta' Komunikazzjoni għall-Iżvilupp tal-UE. Huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tuża avvenimenti bħall-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp biex jissaħħaħ l-impenn iffukat fuq il-persuni u biex jissaħħu inizjattivi bħalma huma l-programm ta' Edukazzjoni u Sensibilizzazzjoni għall-Iżvilupp (DEAR) u l-Laboratorju tal-Politiki fir-Relazzjonijiet Esterni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh u lit-tfal fl-isforzi tal-UE biex ittejjeb l-viżibbiltà, l-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kemm fl-Unjoni kif ukoll barra mill-Unjoni.

³ 14553/18